MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 2177/2003

**L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Nazzareno Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' elf, mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1,131.36) rapprezentanti spejjes inkorsi mill-Awtorita' sabiex jigi esegwit Avviz biex Tieqaf u Twettaq (numru RCF 1405/95) u dan in forza tal-poteri moghtija lill-Awtorita' attrici permezz tal-Att numru 1 tal-!992 u dan peress li l-konvenut naqas milli jottempera ruhu ma dak li ntalab minnu fl-imsemmi Avvz tat-Twettiq.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April 2003 u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut.
Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra taghha stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi s-somma pretiza mill-attrici m'hijiex dovuta u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza
2. Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' attrici kienet tat lill-konvenut tletin (30) gurnata zmien sabiex jaghmel ix-xoghol hu a spejjes tieghu, u l-konvneut kellu kull intenzjoni li jesegwixxi x-xoghlijiet fit-terminu lilu prefiss izda minkejja dan l-Awtorita' attrici esegwiet ix-xoghol qabel ma kien ghalaq it-terminu ta' tletin (30) gurnata. Illi l-Awtorita' attrici dahlet fi spejjes li issa qed titlob ir-rifuzjoni taghhom minhabba l-fatt li m'onoratx il-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma pretiza mill-Awtorita' attrici hija esagerata.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Joe Aguis. Ha konjizzjoni tal-affidavit ta' Johann Buttigieg u tad-dokumenti esebiti mill-Awtrorita' attrici.

Ikkunsidra:

Illi l-Awtorita' attrici pruvat soddisfacentement il-fondatezza tat-talba taghha u dan billi esebiet l-Avviz biex Tieqaf u Twettaq (a fol. 2) u l-ircevuti kollha rigwardanti l-ispejjes minnha nkorsi (a fol. 16). Il-konvenut min-naha l-ohra naqas milli jidher quddiem dan it-Tribunal u milli jressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu sollevati, bhal per ezempju l-fatt li kien hemm ftehim vigenti bejn il-partijiet, li l-konvenut inghata tletin gurnata zmien sabiex iwetaq ix-xoghlijiet indikati fl-Avviz ta' Twettiq in kwistjoni, jew li l-ispsjjes inkorsi mil-Awtorita' attrici huma esagerati u dan nonostante li l-kawza odjerna giet differita diversi drabi ghall-provi tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-tallbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-

konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' elf, mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1,131.36), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------